MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2011

Numru 13/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Ahmed Issa**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 13 tas-sena 2010 kontra l-akkuzat Ahmed Issa, li bih hu gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-lejl ta' bejn is-Sibt, tnejn (2) ta' Frar u tal-Ħadd tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) Mehdi Beghezza, ġovnott Franċiż ta' tmintax (18) il-sena kien qiegħed Paceville ma' xi ħbieb tiegħu studenti, li kienu ġew jitgħallmu l-Ingliż f'Malta. Wara li qassam xi flyers ta' party li kellu jiġi organizzat dak il-Ħadd stess filgħaxija, kienu laħqu saru xi s-siegħa ta' filgħodu, u sħabu kienu kollha telqu lejn id-dar. Għalhekk prova li jmur isib taxi biex tieħdu lura d-dar fejn kien qed joqgħod ma' familja Maltija f'Ħal-Balzan. Iżda peress li kull ma kellu fuqu kienu biss ħames Euro (€5), is-sewwieq tat-taxi li kellem

kien qallu b'dawk il-flus biss ma kienx dispost iwasslu Ħal-Balzan, sakemm ma kienx hemm ħaddieħor li seta` jaqsam l-ispejjeż tal-vjaġġ miegħu. Għalkemm għamel madwar nofs siegħa jistenna n-nies, ħadd ma tfaċċa u b'hekk Mehdi Beghezza irrassenja ruħu u telaq l-hemm.

Kif kien sejjer lejn id-direzzjoni tar-ristorant "Burger King", Mehdi Beghezza ra żewġt irġiel u staqsihom jekk kinux disposti li jwassluh Ħal-Balzan bil-karozza tagħhom għal prezz ta' ħames Euro (€5). Dawn iż-żewġt irġiel kienu : (a) l-akkużat, Ahmed Issa, u (b) raġel ieħor, probabbilment ta' nisel Għarbi, li ismu baqa' mhux magħruf. Dawn iż-żewġt irġiel qalu lil Mehdi Beghezza biex isegwihom lejn il-karozza tagħhom li skont huma, kienet parkeġġata viċin tal-Lukanda Hilton. Huma u niżlin qalulu wkoll li qabel jitilqu xtaqu li jpejpu sigarett ħdejn il-baħar. Dawn iż-żewġt irġiel u Mehdi Beghezza imxew lejn il-post magħruf bħala "Shingles Bay" f'San Ġiljan.

Kif waslu fuq il-blat, pejpu sigarett, iżda mument minnhom, dawn iż-żewġt irġiel, li għal bidu dehru li kienu żewġ nagħġiet, inbidlu f'żewġt ilpup. Daru fuq Mehdi Beghezza u bdew jissaraw miegħu biex jisirqulu l-mobile phone u l-flus li kellu fuqu. Issaraw miegħu ukoll biex jisirqulu ċ-ċintorin li kien liebes. Mehdi Beghezza ipprova jissara magħhom iżda dawn bdew jimbuttawh b'saħħithom lejn il-baħar u jtuh bis-sieq u b'idejhom fejn ġie ġie. Mehdi Beghezza prova jgħajjat għall-ajjut, iżda dawn komplew ituh b'ġebla fuq rasu biex isikktuh. B'konsegwenza ta' dawn id-daqqiet, Mehdi Beghezza sofra diversi feriti madwar ġismu.

Waqt li kien sturdut u sfinit bix-xeba' li kienu għadu kif qala', l-akkużat u sieħbu l-Għarbi bdew ineżżghu bis-saħħa lil Mehdi Beghezza billi neżżghulu l-ġakketta li kien liebes, kif ukoll neżżgħulu l-qalziet ta' fuq u l-qalziet ta' taħt. Waqt li l-akkużat Ahmed Issa kien qiegħed iżomm lil Mehdi Beghezza, ir-raġel Għarbi li kien mal-akkużat neża` l-qalziet tiegħu, ħareġ il-parti privata tiegħu u prova jippenetra lil Mehdi Beghezza kontra n-natura u kontra l-volonta tiegħu, iżda dan ma rnexxielux. F'dan il-mument l-akkużat Ahmed Issa dar fuq sieħbu l-Għarbi u qallu li ma

kienx tajjeb għal dan ix-xogħol u li kien hu li kien ser jirnexxielu jivvjolenta lil-Mehdi Beghezza.

L-akkużat għalhekk, bl-għajnuna tar-raġel Għarbi li kien miegħu, dar fuq Mehdi Beghezza, u wara li għamel l-intenzjoni li jistupra lil Mehdi Beghezza bil-vjolenza, kontra l-volonta` ta' Mehdi Beghezza u kontra n-natura, l-akkużat ħareġ il-parti privata tiegħu, pprova jippenetra lil Mehdi Beghezza kontra n-natura. Minkejja li Mehdi Beghezza kien qiegħed jipprova jiċċaqlaq biex ma jħallix lill-akkużat jivvjolentah, ir-raġel Għarbi beda jagħti bis-sieq fuq ras Mehdi Beghezza biex jipprova jikkontrollah u jimmobilizzah, l-akkużat xorta irnexxielu jimmobilizza lil Mehdi Beghezza u bil-vjolenza, kontra l-volonta` ta' Mehdi Beghezza, stupra lill-Mehdi Beghezza billi kellu konġunġiment karnali miegħu kontra n-natura. Dan il-konġunġiment karnali ma damx wisq ħin. Biss Mehdi Beghezza, sfinit kif kien, intelaq għal mejjet mal-art u meta raw hekk dawn iż-żewġt malviventi ittentaw jitilquh hemm. Iżda qabel ma għamlu dan, qabdu l-ġakketta li kien liebes Mehdi Beghezza u rabtulu saqajh biha.

Biss l-akkużat deher li ma kienx sodisfatt b'dak li kien għadu kif wettaq għaliex wara ftit, reġa` dar lura, reġa` ħataf lil Mehdi Beghezza, reġa' ħareġ il-parti privata tiegħu u għat-tieni darba, filwaqt li mmobilizzah, bil-vjolenza u kontra l-volonta` ta' Mehdi Beghezza, stupra lill-istess Mehdi Beghezza billi kellu konġunġiment karnali miegħu kontra n-natura. Din id-darba dan il-konġunġiment karnali kontra n-natura dam għal diversi minuti. Wara dawn id-diversi minuti, l-akkużat telaq lil Mehdi Beghezza gozz fl-art, poġġielu "pull over" fuq rasu, u telaq 'l hemm, bil-flus u bil-mobile phone ta' Mehdi Beghezza.

Mehdi Beghezza għamel madwar għaxar minuti f'agunija. Izda meta beda jistejqer ftit prova jħoll l-irbit li għamlulu ma` saqajh u mar ifittex l-ghajjut. Ma damx ma sab Samaritan Malti li sejjahlu ambulanza li ħaditu l-Isptar Mater Dei għall-kura.

Illi b'għemilu l-imsemmi Ahmed Issa sar ħati ta' stupru vjolenti aggravat, u ċioè talli kkommetta stupru fuq

persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed, kif ukoll li l-persuna li fuqha ġie kommess id-delitt, ġiet offiża fuq il-persuna tagħha.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha ta' lok, żmien, u ħin hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmi Ahmed Issa talli fil-lejl sbieh tal-Ħadd tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) għal ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (3:00am) fl-inħawi ta' "Shinlges Bay", f'San Ġiljan ikkommetta stupru vjolenti aggravat, u ċioè talli kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed, kif ukoll li l-persuna li fuqha ġie kommess id-delitt, ġiet offiża fuq il-persuna tagħha; u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn erba' snin sa tnax il-sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 198, 201(b), 202(d)(f), 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-isfond tal-fatti kollha narrati fl-ewwel kap ta' dan l-att t'akkuża, u ċioe fil-lejl ta' bejn is-Sibt, tnejn (2) ta' Frar u tal-Ħadd tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) Mehdi Beghezza, student Franċiż ta' tmintax (18) il-sena kien qiegħed Paceville ma' xi ħbieb tiegħu studenti. Wara li kienu laħqu saru xi s-siegħa ta' filgħodu, sħabu kienu kollha telqu lejn id-dar. Għalhekk prova li jmur isib taxi biex tieħdu lura d-dar iżda s-sewwieq ma wasslux għax ma kellux flus biżżejjed fuqu. Mehdi Beghezza telaq lejn id-direzzjoni tar-ristorant "Burger King", u ltaqa` mal-akkużat u raġel iehor u staqsihom jekk kinux disposti li jwassluh Ħal-Balzan bil-karozza tagħhom għal prezz ta' ħames Euro (€5). Dawn iż-żewġt irġiel qalu lil aċċettaw u talbu lil Mehdi Beghezza biex isegwihom lejn il-karozza tagħhom li skont huma, kienet parkeġġata viċin tal-Lukanda Hilton. Marru jpejpu sigarett ħdejn il-baħar fejn il-post magħruf bħala "Shingles Bay" f'San Ġiljan.

Kif waslu fuq il-blat, wara li pejpu s-sigarett, dawn iż-żewġt irġiel daru fuq Mehdi Beghezza u bdew jissaraw miegħu biex jisirqulu l-mobile phone, il-flus u l-ħwejjeġ li kellu fuqu. Issaraw miegħu ukoll biex jisirqulu ċ-ċintorin li kien liebes. Mehdi Beghezza ipprova jiddefendi ruhu iżda dawn bdew jimbuttawh b'saħħithom lejn il-baħar u jtuh bis-sieq u b'idejhom fejn ġie ġie. Mehdi Beghezza prova jgħajjat għall-ghajjut, iżda dawn komplew ituh b'ġebla fuq rasu biex isikktuh. B'konsegwenza ta' dawn id-daqqiet, Mehdi Beghezza sofra diversi feriti madwar ġismu. Inoltre, waqt li kien sturdut, muġugħ u sfinit bix-xeba' li kienu għadu kif qala', l-akkużat u sieħbu l-Għarbi komplew jissieltu ma' Mehdi Beghezza, tawh aktar daqqiet u bdew jippruvaw jimmobilizzawh. Neżżghulu ħwejġu, il-ġakketta li kien liebes, kif ukoll neżżgħulu l-qalziet ta' fuq u l-qalziet ta' taħt. Mehdi Beghezza ġie vjolentement stuprat kontra n-natura u kontra l-volonta tiegħu mill-akkużat għal darbtejn.

Wara li kien tah din ix-xebgħa tajba u stuprah vjolentement, l-akkużat seraqlu wkoll il-ħames Euro (€5), il-mobile phone u ċ-ċintorin li kien liebes.

Illi b'għemilu l-imsemmi Ahmed Issa sar ħati ta' serq ta' proprjeta` mobbli a detriment ta' Mehdi Beghezza liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza u bil-ħin.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap ta' akkuża, akkuża lill-imsemmi Ahmed Issa talli fil-lejl sbieh tal-Ħadd tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) għal ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (3:00am) fl-inħawi ta' "Shinlges Bay", f'San Ġiljan seraq proprjeta mobbli a detriment ta' Mehdi Beghezza liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza u bil-ħin; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-akkużat Ahmed Issa u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn sentejn sa ħames snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 267, 270, 274(c), 275, 277(a) u 281, kif ukoll 17 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fl-isfond taż-żmien u fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża u ċioe' fil-lejl ta' bejn is-Sibt, tnejn (2) ta' Frar u tal-Ħadd tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) Mehdi Beghezza, student Franċiż ta' tmintax (18) il-sena kien qiegħed Paceville ma' xi ħbieb tiegħu studenti. Wara li kienu laħqu saru xi s-siegħa ta' filgħodu, sħabu kienu kollha telqu lejn id-dar. Għalhekk prova li jmur isib taxi biex tieħdu lura d-dar fejn kien qed joqgħod ma' familja Maltija f'Ħal-Balzan. Peress li kull ma kellux flus biżżejjed fuqu tat-taxi ma rikbux. Mehdi Beghezza telaq lejn id-direzzjoni tar-ristorant "Burger King", Mehdi Beghezza fejn iltaqa ma' l-akkużat u raġel iehor u staqsihom jekk kienux disposti li jwasluh Ħal-Balzan bil-karozza tagħhom għal prezz ta' ħames Euro (€5). Dawn iż-żewġt irġiel qalu lil aċċettaw u talbu lil Mehdi Beghezza biex isegwihom lejn il-karozza tagħhom li skont huma, kienet parkeġġata viċin tal-Lukanda Hilton. Huma u niżlin qalulu wkoll li qabel jitilqu xtaqu li jpejpu sigarett ħdejn il-baħar u mxew lejn il-post magħruf bħala "Shingles Bay" f'San Ġiljan.

Kif waslu fuq il-blat, pejpu sigarett, iżda moment minnhom, dawn iż-żewġt irġiel daru fuq Mehdi Beghezza u bdew jissaraw miegħu biex jimmobilizzawh u jisirqulu l-mobile phone, il-flus u l-ħwejjeġ li kellu fuqu. Mehdi Beghezza ipprova jiddefendi ruhu iżda dawn bdew jimbuttawh b'saħħithom lejn il-baħar u jtuh bis-sieq u b'idejhom fejn ġie ġie. Mehdi Beghezza prova jgħajjat għall-ghajjut, iżda dawn komplew ituh b'ġebla fuq rasu biex isikktuh. B'konsegwenza ta' dawn id-daqqiet, Mehdi Beghezza sofra diversi feriti madwar ġismu. Inoltre, waqt li kien sturdut, miġugħ u sfinit bix-xeba' li kienu għadu kif qala', l-akkużat u sieħbu l-Għarbi komplew jissieltu ma' Mehdi Beghezza, tawh aktar daqqiet u bdew jippruvaw jimmobilizzawh. Neżżghulu ħwejġu, il-ġakketta li kien liebes, kif ukoll neżżgħulu l-qalziet ta' fuq u l-qalziet ta' taħt. Mehdi Beghezza ġiet vjolentement stuprat kontra n-natura u kontra l-volonta` tiegħu mill-akkużat għal darbtejn. Dak il-ħin li kienet qed isseħħ din l-aggressjoni kontra Mehdi Beghezza, l-akkużat żamm lill-persuna ta'

Mehdi Beghezza b'mod li beda jipprova jimmobilizzah, u għal xi mumenti irnexxielu jimmobilizzah b'mod li Mehdi Beghezza ma setax liberament jiċċaqlaq u ma setax liberament jaħrab minn din l-aggressjoni tant li spiċċa biex ġie stuprat mill-akkużat. F'dak il-ħin, Mehdi Beghezza ġie miżmum kontra l-volonta` tiegħu u l-liberta` ta' moviment tiegħu ġiet impeduta. L-akkużat ma kellux ordni skont il-Liġi tal-awtorita` kompetenti u ċ-ċirkostanzi ma kinux fost dawk li fihom il-Liġi tagħti setgħa lil privat sabiex jarresta lil xi ħadd.

Illi b'għemilu l-imsemmi Ahmed Issa sar ħati talli, bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew taw post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata; b'dan li d-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaga li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, kif ukoll waqt li l-persuna offiża kienet ġiet offiża fuq il-persuna tagħha, u wkoll bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra jew biex il-persuna l-oħra tkun imġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap ta' akkuża, akkuża lill-imsemmi Ahmed Issa, ħati talli, fil-lejl sbieħ tal-Ħadd tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) għal ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (3:00am) fl-inħawi ta' "Shingles Bay", f'San Ġiljan bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew ta post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata; b'dan li d-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaga li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, kif ukoll waqt li l-persuna offiża kienet ġiet offiża fuq il-persuna tagħha, u wkoll bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra jew biex il-persuna l-oħra tkun imġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha; talab li

jingħamel skont il-Liġi kontra l-akkużat Ahmed Issa u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa tliet snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 87(1)(c)(e)(g), 17 u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi fl-isfond taż-żmien u fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża u ċioe' fil-lejl ta' bejn is-Sibt, tnejn (2) ta' Frar u tal-Ħadd tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) Mehdi Beghezza, student Franċiż ta' tmintax (18) il-sena kien qiegħed Paceville ma' xi ħbieb tiegħu studenti. Wara li kienu laħqu saru xi s-siegħa ta' filgħodu, sħabu kienu kollha telqu lejn id-dar. Għalhekk prova li jmur isib taxi biex tieħdu lura d-dar fejn kien qed joqgħod ma' familja Maltija f'Ħal-Balzan. Peress li ma kellux flus biżżejjed fuqu tat-taxi ma rikkbux. Mehdi Beghezza telaq lejn id-direzzjoni tar-ristorant "Burger King", fejn iltaqa` ma' l-akkużat u raġel iehor u staqsihom jekk kinux disposti li jwassluh Ħal-Balzan bil-karozza tagħhom għal prezz ta' ħames Euro (€5). Dawn iż-żewġt irġiel qalu lil aċċettaw u talbu lil Mehdi Beghezza biex isegwihom lejn il-karozza tagħhom li skont huma, kienet parkeġġata viċin tal-Lukanda Hilton. Huma u niżlin qalulu wkoll li qabel jitilqu xtaqu li jpejpu sigarett ħdejn il-baħar u mxew lejn il-post magħruf bħala "Shingles Bay" f'San Ġiljan.

Kif waslu fuq il-blat, pejpu sigarett, iżda moment minnhom, dawn iż-żewġt irġiel daru fuq Mehdi Beghezza u bdew jissaraw miegħu biex jisirqulu l-mobile phone, il-flus u l-ħwejjeġ li kellu fuqu. Issaraw miegħu ukoll biex jisirqulu ċ-ċintorin li kien liebes. L-akkużat mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar (flimkien mar-raġel Għarbi) beda jsawwat u jagħti daqqiet fuq il-persuna ta' Mehdi Beghezza. Dawn id-daqqiet ingħataw kemm bl-id u kif ukoll bis-sieq u ingħataw f'diversi partijiet ta' ġisem Mehdi Beghezza. B'konsegwenza ta' din l-aggressjoni u d-daqqiet li l-akkużat ta fuq il-persuna ta' Mehdi Beghezza, l-istess Mehdi Beghezza sofra diversi feriti madwar ġismu. Sofra

minn nefħiet u tbengil f'rasu u f'għajnejh u mnieħru, kellu wkoll grif, brix u abrażjonijiet ma' wiċċu, jdejh, spellejh u daharu, kif ukoll fuq irkobbtejh. Apparti minn hekk, wara li ta' dan is-swat u d-daqqiet, l-akkużat beda jippruva jimmobilizza lil Mehdi Beghezza, neżżalu ħwejġu, inkluż il-qalziet ta' fuq u l-qalziet ta' taħt u Mehdi Beghezza ġie vjolentement stuprat kontra n-natura u kontra l-volonta tiegħu mill-akkużat għal darbtejn.

Illi b'għemilu l-imsemmi Ahmed Issa sar ħati talli, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaguna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Mehdi Beghezza), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma ħfief peress li ma ġabu ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mil-Liġi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanzi ta' żmien u lok imsemmija aktar 'il fuq f'dan il-kap ta' akkuża, akkuża lill-imsemmi Ahmed Issa, ħati talli, fil-lejl sbieh tal-Ħadd tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) għal ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (3:00am) fl-inħawi ta' "Shinlges Bay", f'San Ġiljan mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma ħfief peress li ma ġabu ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mil-Liġi; talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-akkużat Ahmed Issa u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 221(1), 17 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fl-isfond taż-żmien u fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża u ċioe' fil-lejl ta' bejn is-Sibt, tnejn (2) ta' Frar u tal-Ħadd tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) Mehdi Beghezza, student Franċiż ta' tmintax (18) il-sena kien qiegħed Paceville ma' xi ħbieb tiegħu studenti. Wara li kienu laħqu saru xi s-siegħa ta' filgħodu, sħabu kienu kollha telqu lejn id-dar. Għalhekk

prova li jmur isib taxi biex tieħdu lura d-dar fejn kien qed joqgħod ma' familja Maltija f'Ħal-Balzan. Peress li ma kellux flus biżżejjed fuqu tat-taxi ma rikkbux. Mehdi Beghezza telaq lejn id-direzzjoni tar-ristorant "Burger King", fejn iltaqa` mal-akkużat u raġel iehor u staqsihom jekk kinux disposti li jwassluh Ħal-Balzan bil-karozza tagħhom għal prezz ta' ħames Euro (€5). Dawn iż-żewġt irġiel qalu li aċċettaw u talbu lil Mehdi Beghezza biex isegwihom lejn il-karozza tagħhom li skont huma, kienet parkeġġata viċin tal-Lukanda Hilton. Huma u niżlin qalulu wkoll li qabel jitilqu xtaqu li jpejpu sigarett ħdejn il-baħar u mxew lejn il-post magħruf bħala "Shingles Bay" f'San Ġiljan.

Kif waslu fuq il-blat, pejpu sigarett, iżda moment minnhom, dawn iż-żewġt irġiel daru fuq Mehdi Beghezza u bdew jissaraw miegħu biex jisirqulu l-mobile phone, il-flus u l-ħwejjeġ li kellu fuqu. Tawh diversi daqqiet u waqt li kien sturdut u sfinit bix-xeba' li kienu għadu kif qala', l-akkużat u sieħbu l-Għarbi bdew ineżżghu l-ħwejjeġ lil Mehdi Beghezza, billi neżżghulu ħwejġu, il-ġakketta li kien liebes, kif ukoll il-qalziet ta' fuq u l-qalziet ta' taħt b'mod li ġabuh kważi għarwien. L-akkużat dar fuq Mehdi Beghezza, u ħareġ barra u espona l-parti privata tiegħu bil-għan li jistupra vjolentement Mehdi Beghezza kontra n-natura u kontra l-volonta tiegħu, kif fil-fatt għamel għal darbtejn.

Illi b'għemilu l-imsemmi Ahmed Issa sar ħati ta' attentat vjolent għall-pudur; b'dan li fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed, kif ukoll li l-persuna li fuqha ġie kommess id-delitt, ġiet offiża fuq il-persuna tagħha.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar 'il fuq f'dan il-kap ta' akkuża, akkuża lill-imsemmi Ahmed Issa, ħati talli, fil-lejl sbieh tal-Ħadd tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) għal ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (3:00am) fl-inħawi ta' "Shingles Bay", f'San Ġiljan, sar ħati ta' attentat vjolent għall-pudur; b'dan li fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna

waħda jew iżjed, kif ukoll li l-persuna li fuqha ġie kommess id-delitt, ġiet offiża fuq il-persuna tagħha; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa tmintax il-xahar, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 207, 202(d), 17 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

6. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża u ċioe' fil-lejl ta' bejn is-Sibt, tnejn (2) ta' Frar u tal-Ħadd tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) Mehdi Beghezza, guvnott Franċiż ta' tmintax (18) il-sena kien qiegħed Paceville ma' xi ħbieb tiegħu studenti. Wara li kienu laħqu saru xi s-siegħa ta' filgħodu, sħabu kienu kollha telqu lejn id-dar. Għalhekk mar sab taxi biex imur lura d-dar. Kull ma kellu flus fuqu kienu biss ħames Euro (€5), u s-sewwieq tat-taxi li kellem qallu li b'dawk il-flus biss ma kienx lest iwasslu Ħal-Balzan. Telaq u kif kien miexi lejn id-direzzjoni tar-ristorant "Burger King", Mehdi Beghezza iltaqa` mal-akkużat u raġel iehor u staqsihom jekk kinux disposti li jwassluh Ħal-Balzan bil-karozza tagħhom għal prezz ta' ħames Euro (€5). Dawn iż-żewġt irġiel qalulu li aċċettaw u talbu lil Mehdi Beghezza biex isegwihom lejn il-karozza tagħhom li skont huma, kienet parkeġġata viċin tal-Lukanda Hilton. Huma u niżlin qalulu li xtaqu li jpejpu sigarett ħdejn il-baħar. Dawn iż-żewġt irġiel u Mehdi Beghezza imxew lejn il-post magħruf bħala "Shingles Bay" f'San Ġiljan.

Kif waslu fuq il-blat, pejpu sigarett, iżda moment minnhom, dawn iż-żewġt irġiel daru fuq Mehdi Beghezza u bdew jissaraw miegħu biex jisirqulu l-mobile phone, il-flus u l-ħwejjeġ li kellu fuqu. Tawh diversi daqqiet u waqt li kien sturdut u sfinit bix-xeba' li kienu għadu kif qala', l-akkużat u sieħbu l-Għarbi bdew ineżżgħu l-ħwejjeġ lil Mehdi Beghezza, billi neżżgħulu ħwejġu, l-ġakketta li kien liebes, kif ukoll il-qalziet ta' fuq u l-qalziet ta' taħt b'mod li ġabuh kważi għarwien. L-akkużat dar fuq Mehdi Beghezza, u ħareġ barra u espona l-parti privata tiegħu bil-għan li jistupra vjolentement Mehdi Beghezza kontra n-

natura u kontra l-volonta` tiegħu, kif fil-fatt għamel għal darbtejn u b'hekk offenda l-pudur jew il-morali, b'għemil li sar f'post pubbliku jew f'post ieħor espost għall-pubbliku.

Illi b'għemilu l-imsemmi Ahmed Issa sar ħati li offenda l-pudur jew il-morali, b'għemil li sar f'post pubbliku jew f'post ieħor espost għall-pubbliku.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap ta' akkuża, akkuża lill-imsemmi Ahmed Issa, ħati talli, fil-lejl sbieh tal-Ħadd tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) għal ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (3:00am) fl-inħawi ta' "Shingles Bay", f'San Ġiljan, li huma lokalitajiet pubbliċi, sar ħati li offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li sar f'post pubbliku jew f'post ieħor espost għall-pubbliku;
talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur u multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 209 u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta` l-imsemmi akkużat.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali u tal-akkużat Ahmed Issa, tat-3 t'Ottubru, 2011, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1)(2) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat għall-akkużi miġjuba kontrih, l-piena li għandha tigi inflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun wahda ta' priġunerija għal periodu ta' disa` (9) snin u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi oħra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat illi waqt is-seduta tallum 4 t'Ottubru, 2011, l-akkużat, mistoqsi jekk hux ħati skond l-Att tal-Akkuza, wieġeb billi stqarr li hu kien ħati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba w tatu

ftit taż-żmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-akkużat baqa` jtenni t-tweġiba li hu kien ħati.

Tiddikjara ghalhekk lil Ahmed Issa hati :-

1. talli fil-lejl ta' bejn it-2 ta' Frar u t-3 ta' Frar 2008 għal ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (3:00am) fl-inħawi ta' "Shingles Bay", f'San Ġiljan ikkommetta stupru vjolenti aggravat, u ċioè talli kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed, kif ukoll li l-persuna li fuqha ġie kommess id-delitt, ġiet offiża fuq il-persuna tagħha, w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.
2. talli talli fil-lejl ta' bejn it-2 ta' Frar u t-3 ta' Frar 2008 għal ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (3:00am) fl-inħawi ta' "Shinlges Bay", f'San Ġiljan seraq proprjeta` mobbli a detriment ta' Mehdi Beghezza liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza u bil-ħin u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.
3. talli fil-lejl ta' bejn it-2 ta' Frar u t-3 ta' Frar, 2008 għal ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (3:00am) fl-inħawi ta' "Shingles Bay", f'San Ġiljan bla ordni skont il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew ta post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata; b'dan li d-delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaga li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, kif ukoll waqt li l-persuna offiża kienet ġiet offiża fuq il-persuna tagħha, u wkoll bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra jew biex il-persuna l-oħra tkun imġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha w dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.
4. talli fil-lejl ta' bejn it-2 ta' Frar u t-3 ta' Frar, 2008 għal ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (3:00am) fl-inħawi ta' "Shingles Bay", f'San Ġiljan mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma ħfief peress li ma

ġabu ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mil-Liġi, u dana skond ir-Raba` Kap tal-Att tal-akkuza.
5. talli fil-lejl ta' bejn it-2 ta' Frar u t-3 ta' Frar, 2008 għal ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (3:00am) fl-inħawi ta' "Shingles Bay", f'San Ġiljan, sar ħati ta' attentat vjolent għall-pudur; b'dan li fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed, kif ukoll li l-persuna li fuqha ġie kommess id-delitt, ġiet offiża fuq il-persuna tagħha, w dana skont il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza.
6. talli fil-lejl ta' bejn it-2 ta' Frar u t-3 ta' Frar, 2008 għal ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (3:00am) fl-inħawi ta' "Shingles Bay", f'San Ġiljan, li huma lokalitajiet pubbliċi, sar ħati li offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li sar f'post pubbliku jew f'post ieħor espost għall-pubbliku, u dana skont is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza.

Ikkonsidrat;

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero' ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b'arrest tal-hati, w lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Qieset ukoll li xi kapi tal-akkuza huma assorbiti jew ghaliex kien hemm "mens rea" wahda jew ghaliex kien mezz ghall-fini. Fil-qosor il-Qorti qed tqis it-3,4,5,6 kapi bhala assorbiti fl-ewwel kap.

Peress li, wara li ħadet kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u senjatament l-eta' tal-ħati, l-kondotta ta' qabel tal-ħati, u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tar-reati, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri mitluba huma tali li jkun leġittimu illi hija timponi ghas-sejbien ta' htija għar-reati li dwarhom il-ħati ammetta l-ħtija tieghu u peress li ma hemmx raġuni oħra skont il-liġi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-ġuri tal-każ, jidher li din il-Qorti għandha tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Ghaldaqstant, wara l qieset dan kollu, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 86, 87(1)(c)(e)(g), 198, 201(b), 202(d), 207, 209, 214, 215, 221(1), 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 267, 270,

274(c), 275, 277(a), 281, 453A(1), 17(b)(h), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati Ahmed Issa ghall-piena ta' disa` (9) snin prigunerija, b'dana li minn dan il-perjodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma` dawn ir-reati kif ukoll tikkundannah ihallas nofs is-somma ta' erbat elef, seba` mija w tmienja w tletin Euro u wiehed u disghin centezmi (€4738.91) jigifieri (€2369.45) import ta' l-ispejjez peritali a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan qed isir ghaliex ix-xoghol tal-esperti mahtura ghadhom jistghu jintuzaw fil-konfront ta' persuna ohra.
Dawn l-ispejjez inkorsi b'konnessjoni mas-sur Martin Bajada, ftit hemm x'wiehed jghid. Mhux kull espert li jinhatar ihalli l-frott ghal dak li hu provi. Dwar l-ispejjez inkorsi in konnessjoni mal-hatra tal-perit Musumeci, wiehed irid izomm f'mohhu li l-periti arkitetti hafna drabi jisimghu x-xhieda ta' fuq il-post u mhux jaghmlu l-pjanta biss. Perit mahtur mill-Qorti ghandu l-fakulta` li jaghti l-gurament.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------